MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta ta' 14 ta' Dicembru, 2001

Talba Numru. 1455/2001/1

**Enigma Productions Limited**

**vs**

**Michael u Romina konjugi Saliba.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm660.10) hlas dovut mill-konvenuti ghas-servizz provdut konsistenti f'xoghol ta' video u ritratti moghti fl-okkazzjoni taz-zwieg tal-konvenuti fl-14 ta' Ottubru 2000.

Ra l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati bl-atti ma deherux ghas-seduti u lanqas ma pprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm660.10) kif fuq spejgat, bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**